**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 1418/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Graziella Cutajar**

**Illum 10 ta' April 2025**

Il-Qorti,

Rat li l-appellanti, **Graziella Cutajar** detentrici tal-karta tal-identita Maltija **408786M**, giet imresqa l-Qorti u akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

- B'diversi atti maghmulin minnhek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fl-4 ta' Novembru, 2022 u l-5 ta' Novembru 2022 meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt access lil Joseph Mangion ghal uliedkom, irrifjutajt li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-18 ta' Novembru 2024, sabet lill-imputata hatja u kkundannata ghal jumejn (2) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Graziella Cutajar preżentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Ottubru 2024, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tilliberaha mill-akkuza kif dedotta fil- konfront taghha u dan fl-intier tagħha u billi tilqà l-aggravju suesposti u dan taht dawk id- direttivi illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-ċirkostanzi.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-Qorti tal-Prim Istanza erronejament sabitha hatja ghar-raguni li l-fatti li hadet in konsiderazzjoni ma kkunsidrathomx li ma jikkostitwixxu r-reat kontemplat fl-imputazzjoni, u dan minhabba li ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi u ma semmietx ir-ragunijiet li in bazi taghhom waslet ghal dik id-decizjoni. Skond 1-appellant, sabiex genitur ikun gustifikat jew ezonerat mill-obbligu li ghandu fid-digriet li jaghti l-access ghall-minuri lill-genitur l-iehor, irid ikollu raguni xierqa li minhabba fiha hu ma setax jottempera ruhu ma' dak l-obbligu. Illi mhux talli kien hemm raguni valida ta' mard, izda li gie provdut certifikat mediku kif ukoll gie offrut ukoll access alternattiv.

Illi gurisprudenza nostrana in materja isostni li fil-kaz in dizamina il-fatt li l-minuri t-tnejn kienu ma jifilhux u anke ntbaghat prova tac-certifikat mediku, kellu jkun 1- *parte civile* illi jipprova li l-miuri ma kienux ma jifilhux u mhux imbilli jgħid li ma rcieva l-ebda messagg li ma fallewx skola izda li fuq ic-certifikat mediku kien hemm b'mod car illi l-minuri dak in-nhar kienu ma jifilhux u li kien ikun ahjar u ta' gid ghalihom

illi ma johorgux dak il-weekend sabiex it-Tnejn ta' wara jkunu jistghu jirritornaw lura l-iskola.

Illi l-Qorti tal-prim istanza ma gharfitx l-ghemil doluz tal-*parte civile* li ghalkemm inghata access alternattiv da parte tal-imputata xorta iddecida li ma johodomx u anzi mar jaghmel rapport b'mod sfaxxat.

Illi hawnhekk ma nkisret l-ebda ordni tal-Qorti ghaliex zgur li fejn ma hemmx is-sahha ma hemm l-ebda nuqqas ta' ordni f'dan is-sens. Illi dan mhux kollox, access alternativ gie provdut u filwaqt illi l-imputata ma naqsetx milli taghti access, l-*parte civile* cahad l-access alternattiv ghaliex mohhu hekk jghidlu izda hawnhekk din 1-Onorabbli Qorti trid taghraf dan l-element ukoll.

Rat ir-rsiposta tal-Avukat Generali prezentat fir-registru ta din il-Qorti nhar it-28 ta' Frar 2025.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2025.

**Ikkunsidrat,**

Illi fl-ewwel lok l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda motivazzjoni fis-sentenza taghha ghala kellha ssib lill-imputata hatja tal-akkuza. Jinghad li fl-ewwel kaz dan mhux minnu ghaliex l-ewwel Qorti ddikajrat li kient qed issib lill-appellanti hatja ghaliex hija cahdet l-access ta' uliedha lil missierhom, il-kwerelanti meta ma kellhiex raguni xierqa li taghmel hekk. L-ewwel Qorti ma hiex obbligata li timmotiva is-sentenza taghha u dan ghaliex il-ligi ma tirrikjedihx u ghalhekk dak li qalet l-ewwel Qorti fis-entenza taghha huwa bizzejjed sabiex il-vot tal-ligi ta x'ghandha jkollha sentenza huwa sodisfatt. (vide "**Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**[1]**, Il-Pulizija vs.**

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar ilt-8 ta Frar 2007

**James Grima**[2] u **Il-Pulizija (Spettur S. Tanti) Vs Omissis (1)**[3]. Ghalhekk dan l-aggravju ma hux gustifikat u qed jigi rigettat.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda biss l-apprezzament tal-fatti li setghet ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is sens *inter alia* l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[4].; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[5]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[6]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[7] u tant sentenzi ohrajn).

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper** [8] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case –*

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Marzu 2007
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Gunju, 2007
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' April 1994
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Fra 1989
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[8] [1969] 1 QB 276

*including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.[9]"*

F'dan il-kaz, din il-Qorti ghamlet ezami approfondit mill-gdid tal-provi biex tara l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l- imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Rat l-affidavit ta' **PC 2328 Lilian Attard** esebit fl-atti a fol. 4 fejn spejgat li nhar is-7 ta' Novembru, 2022 ghal habta tat-8.20 waqt kienet xoghol gewwa l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar Joseph Mangion irraporta li huwa kellu zewgt itfal ma' Graziella Cutajar u li l-access bejniethom dwar it-tfal huwa regolat b'kuntratt u Cutajar naqset li tghatih dan l-access u dan bejn il-Gimgha l-4 ta' Novembru, 2022 fil-5.00p.m u l-ghada s-Sibt 5 ta' Novembru 2022 fil-5.00p.m.

Spjegalha li skond il-kuntratt data 2 ta' Gunju 2020 redatt quddiem in-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa huwa ghandu access ghal minuri kul nhar ta' Tlieta u Hamis bejn il-5.30 u t-8. 00p.m u sleepover darba fil-gimgha b'mod alternattiv u cioe darba mill-Gimgha ghas-Sibt u l-gimgha ta' wara mis-Sibt ghal Hadd u dan bejn il-5.00p.m ta' jum ghal ghada fl-istess jum. Oltre dan il-partijiet ghandhom ukoll jifthiemu illi darba kull xahar il-minuri ghandhom iqattghu weekend shih mal-missier u cioe bejn il-5. 00p.m tal-Gimgha sal-Hadd fil-5.00p.m.

Issa b'referenza ghal dan il-weekend u cioe mill-4 ta Novembru 2022 jum il-Gimgha sa l-ghada is-Sibt fil-5. 00p.m huwa kellu access ghalihom, stante li l-gimgha ta' qbael kien hadhom mis-Sibt ghal Hadd izda ma tathomlux. Jghid li fl-1 ta' Novembru 2022 kien baghtilha messagg fejn qaillha li kien ser jigborhom mill-iskola izda ma bghatitlu l-ebda risposta. Fit-2 ta' Novembru 2022 Graziella baghtitlu messagg li t-tfal kellhom party il-Hadd u qallha li kellu l-hsieb li johodhom il-weekend shih u setghet tinfurmah ftit qabel ghaliex kien ikun problema ghalih biex jirranga fuq ix-xoghol izda ma baghtilu xejn lura.

---

[9] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

Il-Gimgha l-4 ta' Novembru 2022 ircieva messagg mill-iskola tat-tfal li ma kienux marru l-iskola, cempel l-iskola u kkonferma maghhom li ma kienux marru. Baghtilha zewg messaggi biex jistaqsi ghaliex it-tfal ma marrux skola izda ma baghtitlu xejn. Huwa mar fi triq il-Lampara in-Naxxar ghal habta tal-5. 00p.m sabiex jigbor it-tfal mir-residenza ta' Graziella u baghtilha messagg biex jghidilha li kien hemm izda ma wegbitux. Cempel il-qanpiena izda ma fethitx. Ra li kienet wara il-purtiera u semaghha tghajjat lit-tifel biex imur 'l hemm izda ma fethtix. Rega baghtilha biex jara kellhiex il-hsieb li taghtihomlu izda ma wegbitux. Qaghad jistenna sal-5. 30p.m u telaq 'l hemm. Baghat *voice message* ta' *good night* lit-tfal fuq l-mobile ta' Graziella u ghalkemm deher li fethet il-messagg ma baghtet l-ebda messagg lura.

Graziella giet mitluba tirraporta l-ghassa u meta marret tat il-verzjoni taghha.

Rat l-affidavit ta' **PC 3621 Azzopardi** u dan spjega li nhar is-7 ta' Novembru, 2022 Joseph Mangion irraporta l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar li Graziella Cutajar naqset li ttieh access ghal uliedu u dan meta kien awtorizzat ghalih skond il-kuntratt ffirmat bejniethom redatt minn nutar Dr Joseph Smith La Rosa. Huwa cempel lil Graziella Cutajar biex tmur l-ghassa biex ikellmuha fuq dan ir-rapport izda qalet li ma kienitx tiflah u setghet tmur l-ghassa fit-23 ta' Novembru, 2022 biex tkellmu fuq dan ir-rapport. Graziella in segwitu marret l-ghassa u wara li nghatat id-drittijeti taghha anke d-dritt li tibqa' siekta stqarret li nhar il-Hadd 6 ta' Novembru, 2022 it-tfal kellhom party u kienet gja avzat lil missierhom dwar din l-attivita' gimgha qabel. Tghid li qaltlu li setgha jiehu t-tfal mill-Gimgha sas-Sibt u jekk ried setgha jiehu t-tfal il-weekend ta' wara. Tghid ukoll li Joseph Mangion ma marx ghat-tfal wara li qaltlu li ma setghax johodhom ghal weekend shih.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol. 14 redatta minn PC 2328 Lilian Attard nhar is-7 ta' Novembru 2022 fit-08.20 a.m.

Rat ix-xhieda tal-kwerelanti **Joseph Mangion** moghtija nhar id-9 ta' Ottubru 2023 u kkonferma li kellu relazzjoni mal-appellanti li gharaf fl-awla u minn din ir-relazzjoni kellu zewgt itfal Lyson u Alicia Mangion. Jghid li meta spiccat ir-relazzjoni huwa flimkien ma' omm it-tfal iffirmaw kuntratt sabiex jirregolaw l-access taghhom. Huwa jitkellem dwar diversi drabi meta jallega li l-appellanti ma tatux l-access li hu ghandu

dritt ghalih. Dwar il-jum tal-akkuza u cioe l-4 ta' Novembru 2022 ried jiehu t-tfal ghal weeked kollu izda hi ma riditx ittihomlu ghaliex skond ma qalulu it-tfal kellhom party. Jghid huwa kellu jigborhom mill-Gimgha 4 ta' Novembru 2022 sal-Hadd 6 ta' Novembru 2022 izda ma tathomlux. Qal li kellu jmur jigbor it-tfal mill-iskola izda l-iskola ma baghtithomx.

Rat ix-xhieda ta' **Graziella Cutajar** moghtija nhar id-9 ta' Ottubru 2022 tghid li ma tatx access lill-kwerelant tat-tifla ghaliex kienet ma tiflahx. Tghid li tbaghti mill-bronchi. Mistoqsija jekk tatux gurnata ohra ghall-access minflok tghid li le ma tatux.

**Ikkunsidrat**.

Illi kienet korretta l-ewwel Qorti meta stqarret li sabiex tissusiti l-kontravenzoni kontemplata fl-artikolu 338 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta iridu jikkonkorru dawn it-tlett elementi u cioe:_

1. Ordni tal-Qorti jew kuntratt li jorbot lill-partijiet fuq access
2. Ir-rifjut t'access da parti minn min ghandu l-kustodja tal-wild u
3. Li ma kienx hemm raguni xierqa ghal tali rifjut ta access.

F'dan il-kaz il-prosekuzzjoi esebit l-kuntratt redatt minn Nutar Joseph Smith La Rosa li jirregola l-access bejn il-kontendenti. Minn ezami tal-istess jirrizulta li verament l-kwerelant ghandu dritt ta' access ghal uliedu minuri sleepover darba fil-gimgha, darba bejn il-Gimgha u is-Sibt u darba bejn is-Sibt u l-Hadd u darba fix-xahar ghal weekend shih.

Illi skond ma jghid Joseph Mangion huwa mar biex jigbor it-tfal minghand Graziella Cutajar fil-5.00p.m ta' nhar l-4 ta' Novembru 2022 u dan ghaliex il-weekend ta' qabel kien gabarhom jum is-Sibt u meta mar ma fethitlux minkejja li kienet gewwa. Jghid li Graziella ma tatu l-ebda raguni ghal dan in-nuqqas ta' access izda wara sar jaf minghand it-tfal li kellhom party dakinhar u cioe jum il-Gimgha u kien ghalhekk li ma baghtithomx mieghu. Graziella tghid li binta kienet ma tiflahx izda certifikat ma esebietx u tghid li t-tifel seta jmur.

Din il-Qorti tossercva li dan zgur ma jammontax ghal raguni xierqa ghaliex Graziella Cutajar ghandha tichad lill-kwerelant mill-acces li huwa ntitolat ghalih. It-tfal huma taghha daqs kemm huma tieghu u ghalhek hija trid tosserva d-dettami tal-kuntratt li iffirmat dwar l-access u huwa biss meta jkun hemm raguni xierqa li hija ezentata li tati dan l-access u mhux b'mod kappriccuz jew ghax hemm xi party. Dan l-agir ma hux accettabli stante l-hsara li jikkaguna lil minuri stess. Din il-Qorti tikkundanna dan l-agir tal-appellanti li tahseb li t-tfal huma taghha u taghha biss u li tiddeciedi hi biss meta ghandha jew m'ghandhiex tati access. L-access huwa dritt tal-kwerelanti. Din il-Qorti hija sensittiva hafna fejn hemm kwistjonijiet li jikkoncernaw it-tfal u li tara li l-interess taghhom li huwa suprem jigi rispettat.

L-ewwel Qorti kellha ragun tasal biex issib lill-appellanti hatja ta' din il-kontravenzoni. Il-Qorti rat l-fedina penali taghha u rat li din ma hiex l-ewwel darba li nstabet hatja ta' din l-istess kontravenzjoni u ghalhekk din il-Qorti ma tarax li dan hu l-kaz li tkun klementi maghha fl-ghoti tal-piena u ghalhekk ma hiex ser tbiddel il-piena imposta mill-ewwel Qorti.

Il-Qorti qeda ghalhekk tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**